# IL-PAĠNA TAL-LEĠJUN TA' MARIJA



## Il-Leġjun ta' Marija joffri formazzjoni ħolistika

Alfred Grech - membru tal-Leġjun ta' Marija

Il-Leġjun ta' Marija huwa Għaqda Kattolika li ġiet iffurmata iktar minn seklu ilu mill-Fundatur, is-Serv ta' Alla Frank Duff, f'Dublin, l-Irlanda. Illum insibuha f'kull kontinent u, prattikament, fil-pajjiżi kollha.

Bħall-Knisja Kattolika stess, il-Leġjun, barra l-kariżma partikulari tiegħu, għandu karatteristika fundamentali: dik tal-universalità. Tmur fejn tmur fid-dinja, issib li l-laqgħat għandhom l-istess format. Kollox huwa mibni fuq il-Manwal tal-Leġjun miktub mill-fundatur.

Għalkemm xħin issemmi l-Leġjun ta' Marija, ħafna jaħsbu fuq għadd kbir ta' regolamenti, xejn m'hu iktar 'il bogħod minn hekk. Naturalment dan joħroġ minn impressjoni mċajpra tal-Leġjun għax ir-regolamenti prinċipali li jinqraw fil-laqgħat kull xahar huma biss erbgħa. Ma tantx jeżistu għaqdiet, soċjali, politiċi jew reliġjużi li għandhom l-istess ammont jew inqas.

### Tliet kolonni għall-edukazzjoni sħiħa għan-Nisrani

L-istorja wriet li l-Leġjun huwa mezz effettiv ta' formazzjoni ħolistika Nisranija għal-lajċi. Din it-tip ta' formazzjoni hija mibnija fuq tliet kolonni li huma:

It-Talb
It-Tagħlim
L-Apostolat

L-interazzjoni ekwilibrata ta' dawn it-tliet aspetti tissarraf f'edukazzjoni sħiħa għan-Nisrani li jrid jimxi 'l quddiem fil-ħajja spiritwali tiegħu. Din ir-riċetta tant effiċjenti tinħadem b'mod straordinarju fil-laqgħat ta' kull ġimgħa li, għalihom, il-membri attivi huma mistennija li jattendu, u li ddum madwar siegħa.

Biex nifhmu aħjar kif dan jista' jseħħ, ser naraw it-tliet aspetti wieħed wara l-ieħor.

### It-talb

Barra mill-fatt li l-laqgħa nfisha hija inkontru ta' talb fil-preżenza ta' Marija, is-Sultana tal-Leġjun, hemm tliet mumenti partikolari ta' talb li huma: it-Talba tal-Bidu li tinkorpora r-Rużarju Mqaddes, il-Catena Legionis f'nofs il-laqgħa, magħmula essenzjalment mill-Magnificat u t-Talba tal-Aħħar, talba ħerqana għall-fidi, l-imħabba u l-perseveranza. Dawn flimkien jammontaw għal ftit inqas minn nofs siegħa. Tant huma importanti dawn il-mumenti, ta' meta tnejn jew tlieta jitolbu f'isem il-Mulej, li l-Manwal iwissi dwar membri li jaslu tard (u jitilfu r-Rużarju) jew jitilqu kmieni ta' sikwit. Huwa t-talb




Il-Manwal Uffiċjali tal-Legjun ta' Marija

li jagħti l-impuls spiritwali meħtieġ lill-membri biex, fiċ-ċokon tagħhom, ikunu jistgħu jwettqu ħwejjeġ kbar għal Alla u għas-salvazzjoni tal-erwieħ.

### It-tagħlim

Barra t-talb, ingredjent ieħor neċessarju għall-formazzjoni Nisranija sħiħa huwa t-tagħlim. It-tagħlim qatt ma hu biżżejjed u tkun preżunzjoni li wieħed jaħseb li tgħallem biżżejjed. B'dispjaċir ninnutaw li ħafna mill-Insara tagħna qegħdin jikkuntentaw ruħhom b'dak li jkunu tgħallmu sal-Ġrizma. Bażikament, it-tagħlim huwa l-kompitu tad-Direttur Spiritwali, ġeneralment saċerdoti jew reliġjuż/a li l-Manwal isejjaħlu ċ-ċavetta tal-laqgħa. Dan ma jeskludix li l-uffiċjali u l-membri jitgħallmu mingħand xulxin, speċjalment meta jaqsmu l-esperjenzi.

Hemm żewġ mumenti formali fejn id-Direttur Spiritwali jgħallem lill-membri: waqt il-Qari Spiritwali, li jsir wara r-Rużarju u l-omelija qasira, magħrufa bħala l-Allocutio, li ssir dritt wara l-Catena Legionis. Il-Manwal jissuġġerixxi li din l-omelija tkun riflessjoni fuq il-qari spiritwali. M'hemm xejn ħażin li, waqt din l-ispjega, id-Direttur Spiritwali jirreferi għall-Evanġelju tal-Ħadd li jkun għadda jew li jkun imiss.

Ġieli jissemma l-punt li, fil-Leġjun ta' Marija, iktar jingħata kas tal-Manwal milli tal-Bibbja. Anke f'dan il-każ, din l-impressjoni mhijiex korretta. Tant hu hekk li, fl-indiċi tal-Manwal, hemm nota li forsi ftit jafu biha. Filwaqt li wieħed għandu jsib riferenzi għall-Madonna u l-Qaddisin imniżżlin f'lista alfabetika, ma jsibx ir-referenzi għall-paġni fejn jissemma Ġesù, għax il-Manwal huwa mimli biH u allura kien ikun hemm bżonn jitniżżlu l-paġni kollha. B'hekk jidher li, minn kull riferenza għall-Manwal, wieħed jista' faċilment jasal għall-Evanġelju.

Naturalment, barra dawn il-mumenti assenjati lilu, id-Direttur Spiritwali għandu l-libertà kollha li jintervjeni fuq dak kollu li jkun għaddej biex jgħallem lill-membri, speċjalment jekk tqum xi kwistjoni morali waqt ir-rapporti tal-ħidma.

### L-Appostolat

Din il-ħidma ta' kull ġimgħa hija obbligu għal kull membru attiv fil-Leġjun ta' Marija. Numerikament il-minimu mistenni minn kull membru adult (18+) huwa ta' sagħtejn fil-ġimgħa u għandu jkun sustanzjali, jiġifieri li jġib il-membru f'kuntatt ma' persuni oħra fl-istess vjaġġ lejn l-eternità. Minkejja dan, il-leġjunarju veru huwa xogħol 24/7 u jfittex kull okkażjoni fejn jista' joffri kelma ta' ġid, parir jew komfort.

L-appostolat huwa s-siment jew il-kolla li jorbot flimkien it-talb u t-tagħlim f'applikazzjoni prattika għall-ħajja ta' kuljum fil-familja, fl-iskola, fl-università, fl-uffiċċju, fil-maħżen, fil-ħanut, fil-fabbrika, fil-grawnd tal-futball, fit-teatru, fl-isptar, fl-istituzzjoni, fit-triq jew fil-pjazza u llum fir-realtà virtwali tal-midja soċjali.

Il-Praesidium jagħti struttura lil dan l-appostolat billi jsegwi dak li jkun għaddej u joffri l-appoġġ meħtieġ. Barra minn hekk, din il-ħidma hija ddettata mill-bżonnijiet kurrenti tad-djoċesi jew tal-parroċċa li fihom jiltaqa' l-Praesidium skont id-dispożizzjoni tal-Isqof jew il-Kappillan tal-post li lejhom il-Leġjun huwa sottomess. It-tfittxija għall-erwieħ, bil-paċenzja, bil-ħlewwa u bl-imħabba ma taqta' xejn għax kull ruħ ġiet irkantata bid-Demm għażiż tal-Imgħallem.

B'hekk, b'taħlita sana ta' Talb, Tagħlim u Apostolat, il-Leġjun ta' Marija joffri formazzjoni Nisranija ħolistika lill-membri tiegħu biex jikbru fl-ispirtu Kattoliku u b'hekk isiru iktar denji li jkunu wlied Marija u membri ħajjin fil-Knisja ta' Kristu.

